**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 33/2012**
***Kienet addottata Aġenda nru. 28/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 21 ta' Awwissu 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sindku Nicky Saliba kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 32/2012</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 32/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 32/2012

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienet irċeviet applikazzjoni għal permess għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem Glass Box Bar f' Misraħ M' Anġ Refalo. Kien hemm qbil li għandu jinħareġ il-permess sakemm it-triq tkun magħluqa għat-traffiku.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Korrispondenza li għaddiet bejn l-Editur tal-gazzetta Illum u s-Segretarja Eżekuttiva dwar il-*bouncy castle* li jintrama fil-Menqa ta' Marsalforn (dak ta' M. Homoki). Gie deċiż li tintalab tippreżenta kopja tal-permess li għandha biex tkun tista' tarma fil-Menqa.

Ittra mibgħuta mill-Kappillan Mikiel Borg tal-Knisja San Pawl Marsalforn dwar it-*talent show* tat-tfal li jattendu f' Marsalforn Summer Club. L-ittra waslet tard u għalhekk din l-attivita' ma segħetx issir bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat.

Korrispondenza mibgħuta minn Mons Anton Gauci dwar il-*promenade* tal-Qbajjar.

Komunikat ta' Ms C Steege fejn fost l-oħrajn semmiet ir-*reserved parking bay* għal persuni b' diżabilita' ta' quddiem ir-residenza nru. 6 fi Triq l-Isqof Pace u l-fatt li dan m' għaddx għandu użu. Materja għad-diskussjoni f' seduta oħra.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv** |
|---|---|
| (i) Victor Refalo – Ekxa Kiosk<br>Country Night<br>nhar it-22 ta' Awwissu 2012<br>f' Misraħ M' Anġ Refalo. | Approvata. |
| (ii) Davide Ravagli - Piu Trenta Nove<br>Karaoke u *light music*<br>nhar is-26 ta' Awwissu, l-1, it-2, is-7 u t-8 ta' Settembru 2012 fi Triq il-Port . | Approvata. |
| (iii) Gary Doyle – Glass Box Bar<br>*Live music*<br>nhar it-2, il-15, it-22, l-24 u d-29 ta' | Approvata tal-15/09/2012.<br>Rifjutata t-2 u t-22/09/2012 – hemm attivitajiet oħra. L-24 |

| | |
|---|---|
| Settembru 2012 f' Misraħ M' Anġ Refalo. | u d-29/09/2012 – it-triq ma tkunx għadha tingħalaq għat-taffiku. |

Kien hemm qbil li t-toroq jibqgħu jingħalqu għat-traffiku sat-23 ta' Settembru 2012.

Is-Sur Refalo u s-Sur Sacco rtiraw mill-kamra tal-laqgħat.

## 5. <u>IS-SERVIZZ TAL-ĠBIR TAL-ISKART BIEB BIEB</u>

Il-Kumitat qabel li l-ġbir tal-iskart imħallat bieb bieb kuljum jibqa' għaddej sal-aħħar ta' Settembru. Mill-1 ta' Ottubru, l-iskart jibda jinġabar skont is-skeda tax-xitwa (il-borża s-sewda tinġabar erba' darbiet fil-ġimgħa u l-griża darbtejn fil-ġimgħa).

## 6. <u>*END OF SUMMER FEST*</u>

Il-Kumitat qabel l-attivita' End of Summer Fest issir nhar it-22 ta' Settembru u tibda fit-8.00pm.

Il-Kumitat qabel li:

- jsir marċ mill-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ li jitlaq minn fejn il-*bus terminus*, jimxi Triq il-Qbajjar, idur għal Triq il-Forn u jispiċċa fil-Menqa.
- jagħti *drink* lill-bandisti għand St Paul Snack Bar.
- jieħdu sehem Cini Brothers, grupp ta' kantanti mix-Xagħra u l-Astra Folk Group.
- tintalab stima lil ta' 2 ceemedia u lil Power Sound għal kiri ta' *pa system* u dwal.
- ikunu stampati *posters* għal din l-attivita'.

## 7. <u>DEVOLUZZJONI TA' KMAMAR</u>

Il-Kumitat unanimament qabel li japplika biex jingħata d-devoluzzjoni ta' erba' *boathouses* il-ġewwa minn Pierre's Restaurant, taħt Triq Santa Marija biex dawn ikun jista' jikruhom lis-sajjieda tal-lokal.

## 8. <u>*OPEN AIR CRAFT CENTRE*</u>

Dan l-*item* se jiġi diskuss f' seduta oħra.

## 9. <u>*MARSALFORN BEACH OF QUALITY*</u>

Dan l-*item* se jiġi diskuss f' seduta oħra.

## 10. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

KAM 33/2012 – Frankie Xerri
Ilmenta li qed jidħol l-ilma tax-xita fir-residenza Girna Flts, Triq Barda. Iċ-Chairperson talbet lis-Segretarja Eżekuttiva biex għall-laqgħa li jmiss ittella' stima li kien għamel il-Perit.

KAM 32/2012 – Vincent Vella
Talab biex isiru *double yellow lines* quddiem u faċċata ta' Ramlija Crt, Triq Frank Debono. Kien miftiehem li ssir *site visit* mill-Perit.

KAM 30/2012 – Romina Mabrouk
Ilmentat dwar id-diversi dgħajjes mitluqa fi Triq Manwel Magro, Triq il-Qolla s-Safra u Triq tan-Naħla. Kien miftiehem li jitwaħħlu avviżi ta' rmonk fuq dawn id-dgħajjes.

## 11. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva:

- jitwaħħlu tabelli ta' direzzjoni li juru l-Bajjiet tal-Qbajjar, Xwejni u Wied il-Għasri u s-salini fejn ir-residenza Xannah, Triq il-Qbajjar u faċċata tal-*bring-in site* tal-Qbajjar.
- titwaħħal tabella Give Way fi Triq il-Forn.
- titwaħħal mera tat-traffiku fil-liwja ta' Triq il-Qbajjar (fejn m' hemmx bini).
- jitneħħa l-*parking* minn faċċata tal-entratura ta' Triq tan-Naħla.
- it-tiswija ta' bankina fi Triq il-Qbajjar.

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet iż-żewġ kwotazzjonijiet li għaddielha s-Sur Sacco għall-provvista u twaħħil ta' erba' rixtelli għall-għeluq ta' Triq il-Port. Dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet se jkunu kunsidrati l-quddiem.

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

| | |
|---|---|
| **Maria Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |